# IL-BIDWI

**FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA**

*Editur, C. Zammit-Marmarà M.B.E.*

Nru. 36 IT-TNEJN, L-1 TA' MEJJU, 1944. Nru. 36


## XOGĦOL TA' KO-OPERAZZJONI

(*Mill-Editur*)

WIEĦED mill-passi sbieħ ta' Ko-operazzjoni li għamlu l-bdiewa Ingliżi, u li qiegħed jaħdem tajjeb ħafna, hu x-xiri u l-użu ta' makni u għodda tar-raba'. Il-bdiewa tar-raħal, bħallikieku, jixtru bejniethom makni tad-dris u inġenji oħra li jkollhom bżonn, u b'dawn jinqdew il-bdiewa kollha tar-raħal. Huma għamlu wkoll għaqdiet żgħar ta' bdiewa biex imorru jaħdmu lil xulxin fir-raba'; bħallikieku jien il-lum m'għandix x'nagħmel, niġi nagħmel ġurnata xogħol għandek, inti tħallasni b'ġurnata xogħol oħra meta jkolli bżonnok jien.

Xogħol ieħor sabiħ hu l-ko-operazzjoni fil-bexx tal-patata u bexx ieħor kontra l-insetti u kontra l-mard. Għadd ta' nies, jew mill-bdiewa stess, jew imħallsin minnhom, imorru jbixxu distrett sħiħ. B'dan il-fteħim ix-xogħol qed isir wisq iżjed malajr u b'ekonomija kbira. M'għandniex x'ingħidu l-ispejjeż li jsiru jinqasmu bejn il-bdiewa skond kemm dak li jkun ikollu raba'.

Ix-xogħol li jistgħu jagħmlu l-Għaqdiet Ko-operattivi tal-Biedja fih għadd kbir ta' friegħi u jistgħu kollha jkunu ta' ġid mill-ikbar sew lill-bdiewa stess, lil dawk kollha li jgħixu mill-biedja, kif ukoll lill-konsumatùri tal-ħxejjex u frott.

Hawn Malta hemm għadd żgħir ta' bdiewa li għad ma jistgħux jifhmu kemm huma meħtieġa l-Ko-operattivi. Bihom ix-xogħol tar-raba' jingħamel iżjed bil-ħeffa u wisq iżjed b'irħis milli kieku kull bidwi jaħdem għal rasu. Tabilħaqq hemm għadd ta' nies interessati li, billi jaħsbu li dawn l-għaqdiet ser ikunu ta' tfixkil lil kull min jaħdem mal-bidwi, huma wkoll jippruvaw ifixklu billi jxerrdu ħafna għajdut falz biex ibeżżgħu lill-bdiewa. Jiena ma nixtieq ngħid xejn ħlief li nfakkar lil dawn it-talin f'dak il-proverbju Ingliż li jgħid. "Tista' tidħak b'xi wħud għal xi ftit żmien, iżda ma tistax tidħak b'kulħadd iż-żmien kollu"!

## TRUF TA' GĦERF

Kieku wieħed jaħseb sew qabel ma jitkellem. kieku fid-dinja jkun hawn iżjed kwiet.

Il-għażż jimxi hekk bil-mod illi l-faqar malajr jgħaddih.

Meta ż-żmien ikun mgħarraq. l-itwal bniedem isib ruħu ftit qasir.

Xogħolijiet kbar saru bil-paċenzja mhux bis-saħħa.

Qatt tfaħħar bniedem mingħajr ma jkun jimmeritah, qatt tmaqdru mingħajr ma jkun jistħoqqlu, u kun żgur li qatt ma ċċanfru jekk ma jkunx hemm raġuni qawwija għal dan.

Meta tkun imdejjaq u taħseb illi kollox għalik hu mitluf. aħseb ftit fl-affarijiet sbieħ ta' madwarek, bil-ġid li jista' ma jkunx għandek, għodd il-grazzji tiegħek waħda waħda. u inti tistagħġeb kemm Alla kien tabilħaqq ħanin miegħek.

## IL-BIEDJA F'MEJJU

(*Editur tal-Propaganda*)

### Fil-Għalqa

*Temp.*—Mejju huwa msemmi għall-irjieħ u meta jkun mirjieħ *stennieh bid-deni*. F'dan ix-xahar jiġi wkoll li fi ġranet ta' xemx qawwija jagħmel xi ftit ta' l-iħtriq—l-iktar meta r-riħ ikun jonfoħ bl-ilbiċ u tkun is-sħana. B'dan ir-riħ ibatu xi prodotti, bħalma hu l-qamħ li jinħataf u ma jimliex. L-iħtriq jagħmel ukoll ħsara fir-raħs u fit-tagħqid tal-frott tas-siġar.

Jekk tagħmel xi raxxa xita u tkun is-sħana, l-uċuħ ibatu—l-iktar il-qamħ, ix-xgħir u s-silla maħsuda, jimtess in-nebbiet tal-bittieħ, tal-qara', id-dwieli u prodotti oħra. Temp umdu jkattar il-mard tal-Mell Abjad.

*Ħsad.*—"Għal Mejju, aħsad imqar kien plejju"—igħid il-Malti. F'dan ix-xahar jinħasad ix-xgħir u jinqata' l-ful u tinġabar il-piżelli għan-niexef.

*Taħwil.* Kompli ħawwel il-kaboċċi u t-tadam u x-xtieli tal-ġidra tas-sajf. Iż-żrigħ u t-taħwil ta' Mejju, jiġifieri dawk li ma laħqux f'April, jibdew jissaqqew. Mat-tisqija, tajjeb wieħed jagħti ftit demel lill-qara' aħmar, il-qara' twil u l-ħjar. Agħtihom ftit kubrit u iżbor ukoll il-qara' twil biex tgħinu joħroġ friegħi ġodda fl-imsierek. Saqqi wkoll il-fażola ħadra li issa tilħaq ġmielha.

### Fil-Ġnien tal-Ħaxix

Bħalissa ma hemmx x'tagħmel wisq fil-ġnien ħlief li ddur dawra lil bittieħ, il-ħjar u t-tadam u tnaddafhom mill-ħaxix ħażin u ddurhom bil-kubrit biex ma jimtessux. Bejjet il-bamja u iżra' l-pitravi. Tħallix bil-għatx il-fażola ħadra li issa laħqet kibret sewwa, għax inkella tidbiel. Dan ix-xahar jilħaq l-isbaħ ħass ikkapuċċat u ħass twil, u tajjeb li wieħed jagħżel l-isbaħ xtieli u jżommhom għaż-żerriegħa. Fiż-żara' tal-ful għandek iddur dan il-prodott għall-Mess Iswed u taqta' l-qliebi u tbixx bil-Klensel jew bil-Katakilla. Il-budebbus għandu jinqala' minn għeruqu u jinħaraq*. Il-frawli bdew jagħmlu l-fjur kif ukoll il-frott. Ifrex ftit tiben ma' dwar ix-xtieli biex il-frott ma jitħammiġx bil-ħamrija. Billi dan il-frott jittiekel nej u ma jitqaxxarx wieħed m'għandux isaqqih bl-ilma tad-demel għax jista' jkun kaġun ta' ħafna mard. Għinu bis-Sulfat ta' l-Ammonja.

### Fil-Ġnien tas-Siġar

Agħżaq u demmel is-siġar ta' l-agrumi. Minn l-aħħar ta' dan ix-xahar sa Settembru tista' tiżbor is-siġar tal-larinġ. Jekk l-art taħbat tixxotta, tagħmel sewwa jekk tagħti xi tisqija. Saqqi s-siġar tan-nespli biex is-siġra tħaxxen il-frott u tfittex tagħmel raħs ġdid. It-taħwil ġdid tas-siġar tal-frott irqiq jaħtieġ li kultant jissaqqa ma' tul is-sajf. Agħżaq u agħti l-kubrit lid-dwieli u qaċċat ir-rimi żejjed. Issa jista' jsir it-tilqim bil-qoxra tal-larinġ, tan-nespli, tat-tin, u tal-frott irqiq kollu. It-tilqim f'dan ix-xahar huwa aħjar minn dak li jsir f'xhur oħra tas-sajf.

* **Nota:** Infakkru lill-bdiewa illi issa hemm liġi li tobbliga ill-bidwi jaqla' u jaħraq il-budebbus. Din il-liġi saret fl-interess tal-bidwi stess. Mela nobdu din il-liġi billi nduru dawra l-budebbus minnufih.

**UŻU TA' MAKNI GĦALL-ĦSAD TAS-SILLA U WĊUĦ OĦRA TA' L-AĦDAR.** — Kull min jixtieq jaħsad is-silla u wċuħ oħra bil-makna tal-ħsad għandu jitlob lis-Suprintendent tal-Qasam tal-Għammieri. L-uċuħ għandhom ikunu f'ġonot ta' raba' fil-kobor fejn tkun tista' tidħol il-makna u l-art ma jkunx fiha ġebel li jista' jagħmel il-ħsara fix-xfafar tal-ħsad. L-inqas ħlas għall-użu tal-makna biż-żewġt irġiel li jħaddmu l-makna huwa 50s. għal kull ġurnata xogħol (il-ħinijiet tax-xogħol ikunu bħal dawk tal-Qasam tal-Għammieri).

